MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Numru 586/2003

**Il-Pulizija**
**(Spt Morgan Azzopardi)**

**vs**

**Carmel Camilleri**

**Illum,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmel Camilleri** ta' 51 sena, bin il-mejjet Julian u Michelina *nee'* Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 911251(M) skond it-tahrika li tidher a fol 1 tal-process bil-mod segwenti:;

Talli fit-30 ta'Mejju, 2002, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

zammejt f'xi fond arma tan-nar ta' ghamla mhux maghrufa u munizzjon u cioe' 43 balla tat-tip Eley Club, 0.23 Long Rifle Rimfire, bi ksur ta l-artikolu 3 (1) tal-Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi bhala persuna li gejt fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xorta ohra milli b'licenzja, nqast milli minnufih taghti avviz taghhom lill-Kummizzarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 9 tal-Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-30 ta' Marzu, 2002, u f'xi data qabel, instabt li xjentement kellek fil-pussess jew taht il-kontroll tieghek 43 bullet tat-tip Eley Club 0.22 Long Rifle Rimfire meta kont taf li l-importazzjoni ta' dawn l-oggetti hija pprojbita jew restritta, kif ukoll id-dazju fuqhom ta' Lm0.20,6, ma giex imhallas jew kawtelat;

F'isem il-Kummissarju tal-V.A.T., talli fit-30 ta' Marzu, 2002, u f'xi data qabel instabt li xjentement kellek fil-pussess jew taht il-kontroll tieghek 43 bullet tat-tip Eley Club 0.22 Long Rifle Rimfire meta kont taf li l-importazzjoni ta' dawn l-oggetti hija pprojbita jew restritta, kif ukoll fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghall-Lm0.54c6, liema taxxa ma gietx imhallsa jew kawtelata;

Rat il-Letter to Prosecute tal-Kontrollur tad-Dwana datata 18 ta' Settembru, 2003 kif ukoll dik tal-Kummissarju tal-VAT datata 25 ta' Settembru, 2004 sabiex il-Pulizija tinizja proceduri kontra l-imputat kwantu it-tielet u r-raba akkuzi rispettivament;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti semghet kif rapport lill-Pulizija wassal sabiex l-imputat ikun investigat dwar pussess ta' arma tan-nar u munizzjoni minghajr il-permessi mehtiega kif ukoll

minghajr ma kienu kawtelati d-dazju u l-VAT fuq l-istess oggetti. Mill-provi mressqa jirrizulta illi il-Pulizija kienet intercettat 43 bullet tal-ghamla Eley Club 0.22 Long Rifle Rimfire u li huma esebiti f'dawn l-atti. Dawn kienu elevati wara tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat izda l-istess tfittxija ma halliet ebda rizultat dwar l-arma mertu tal-akkuza.

Fit-30 ta' Marzu, 2002, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija fejn iffirma ghad-dikjarazzjoni tieghu li bejn l-1974 u l-1975 huwa kien akkwista pistola mill-idejn izda kien sellef l-istess arma u tilef it-tracci taghha. Ma' l-istess arma kien ukoll akkwista l-bullets msemmija izda skond l-istqarrija dawn kienu biss ifaqqghu u ma kienux jisparaw.

L-istqarrija tal-imputat esebita a fol 8 bhala Dok MA 2 ma kienitx attakkata mid-difiza u ma hemm xejn fl-atti li ghandu b'xi mod iqajjem xi dubji dwar il-veracita' taghha o meno.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni ippruvat fil-grad li trid il-ligi dik il-parti tal-akkuza dwar il-pussess sia tal-arma kif ukoll tal-munizzjon. Dan il-pussess, izda, jista jkun wiehed lecitu jew illecitu u huwa dipendenti fuq jekk il-persuna ikollhiex o meno permess ghal dan l-iskop mill-Kummissarju tal-Pulizija skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 66. F'dan ir-rigward ma hemm l-ebda prova fl-atti li l-imputat ma kellux permess sabiex izomm arma tan-nar u munizzjon. Mill-ezami tal-istqarrija tieghu anqas ma jirrizulta illu huwa b'xi mod iddikjara li ma kellux tali permess. Din il-prova mhix wahda prezunta u tinkombi lill-prosekuzzjoni, izda f'dan il-kaz ma saritx. Minn ezami tal-atti, hadd mix-xhieda ma semma l-kelma "licenzja" wisq anqas innega li l-imputat ma kienx munit bil-licenzja mehtiega.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Francis Xavier sive Franco Borg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 (Koll. VolLXXVIII. 1984.Pt III-IV pp360) ghamlet distinzjoni cara bejn imputat li huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-ezekutur immedjat ta' att ta' kuntrabandu u l-kaz li l-

importatur ikun haddiehor. Fil-kaz in dizamina, l-imputat stess kien stqarr (ara Dok MA2 fol 8) illi huwa kien xtara l-arma mill-idejn. Dan huwa fattur importanti ghaliex b'hekk ma jistax ikun akkuzat li kien hu li importa l-arma meta allura kellu l-obbligu li jhallas id-dazju dovut;

Il-Prosekuzzjoni strahet hafna fuq l-istqarrija tal-imputat li ddikjara li huwa xtara l-arma fil-perjodu bejn l-1974 u l-1975. L-artikolu 76 tal-Kap 37 dwar id-Dwana jipprovdi fis-subinciz (2) (a) illi l-procedimenti ghal-rejati kontra l-Ordinanza ghandhom jibdew fi zmien 10 snin mid-data li fiha l-oggetti jkunu mportati jekk l-oggetti huma dawk murija fl-Iskeda u armi u munizzjoni huma fil-fatt oggetti murija fl-Iskeda. L-akkuzat kien imharrek biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi permezz ta' tahrika li inharget fil-15 ta' Lulju, 2003. Mart l-imputat xehdet illi hija dejjem tiftakar l-arma d-dar mindu zzewget lill-imputat u ma tafx jekk gabiex mieghu minn qabel iz-zwieg jew le. Xehdet ukoll illi ilhom mizzewgin ghoxrin sena u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mil-veracita tad-dikjarazzjoni tal-imputat fl-istqarrija Dok MA2 aktar u aktar meta l-istess mart l-imputat qalet li ilha taf bl-arma ghall dawn l-ahhar 19-il sena. Minn hawn jirrizulta illi l-azzjoni kontra l-imputat qua evazzjoni ta' dazju hija preskritta bit-trapass ta' 10 snin;

L-imputat intalab iwiegeb ukoll ghall-akkuza li ma hallasx il-VAT fuq l-istess arma u dwar din l-akkuza partikolari ftit hemm x'jinghad hlief li l-Att XXIII tal-1998 li jirregola t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma japplikax retrospettivament ghad-data tal-kommissjoni tar-rejat u cioe ghall-1974/1975.

Ikkunsidrat ghalhekk illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha kwantu l-ewwel u t-tieni akkuza. Kwantu it-tielet akkuza, din tirrizulta preskritta u kwantu r-raba akkuza, tiddikjara illi l-azzjoni tal-imputat konsistenti f'xiri u 'jew importazzjoni ta' arma f'Malta fl-1974/1975 ma kienx jikkostitwixxi rejat kontra l-ligi tal-VAT stante li din il-ligi bdiet fis-sehh fl-1998.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

At termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9, tordna l-konfiska tal-bullets esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------